A.L. 126 ta' l-2003

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-*INCOME* (KAP. 123)

Regoli ta' l-2003 dwar Tnaqqis ta' Taxxa Addizzjonali (Ommissjonijiet)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 96 u bis-subinċiż (e) ta' l-inċiż 3 ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att", il-Ministru tal-Finanzi u l-Affarijiet Ekonomiċi għamel dawn ir-regoli li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regoli hu Regoli ta' l-2003 dwar Tnaqqis ta' Taxxa Addizzjonali (Ommissjonijiet).

(2) Dawn ir-regoli għandhom ikunu japplikaw għar-rigward tas-sena ta' stima li tibda fl-1 ta' Jannar 2003 u snin ta' stima sussegwenti.

Tifsir.

2. (1) F'dawn ir-regoli:-

"ommissjoni" tfisser l-ommissjoni, jew ommissjoni meqjusa, minn xi prospett ta' l-*income* ppreżentat għall-fini ta' l-Atti dwar it-Taxxi ta' xi ammont li kellu jkun hemm inkluż;

"professjonist" dwar it-taxxa tfisser individwu li jkun id-detentur ta' *warrant* maħruġ taħt l-Att dwar il-Professjoni ta' l-*Accountancy* (Kap. 281), jew membru tal-Malta Institute of Taxation, jew membru tal-professjoni legali f'Malta li jispeċjalizza fit-tassazzjoni, jew shubija ta' dawk l-individwi li jkunu hekk kwalifikati fil-maġġoranza tagħhom: iżda l-Kummissarju jkollu jedd li jitlob dik il-prova li huwa jista' jqis li tkun meħtieġa dwar kemm xi individwu jkun jikkwalifika bħala professjonist dwar it-taxxa kif hawn qabel imsemmi;

"Skeda" tfisser l-Iskeda li tinsab ma' l-Att;

"taxxa addizzjonali" tfisser it-taxxa addizzjonali li għandha titħallas skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 56(12)(ċ) ta' l-Att u d-disposizzjonijiet ta' l-Iskeda dwar xi ommissjoni.

(2) Kliem u frażijiet oħra li jinsabu f'dawn ir-regoli għandu jkollhom it-tifsir mogħti lilhom fl-Atti dwar it-Taxxi u fl-Iskeda li tinsab ma' l-Att.

Hfir shih ta' taxxa addizzjonali.

3. (a) Meta l-Kummissarju jkun sodisfatt li:-

(i) tkun ingħatat attenzjoni raġonevoli mill-persuna li tkun qed tipprepara u tippreżenta l-prospett jew mill-persuna li tkun responsabbli għall-preparazzjoni u l-preżentata tal-prospett; jew

(ii) l-ammont ta' taxxa perikolata ma jkunx wieħed materjali,

huwa jista' jagħti lura t-taxxa addizzjonali xort'oħra dovuta skond id-disposizzjonijiet ta' l-Iskeda.

(b) Id-diskrezzjoni tal-Kummissarju għall-fini ta' din ir-regola ma għanda b'ebda mod titqajjem f'ebda appell.

Meta persuna tkun għamlet kull attenzjoni raġonevoli.

4. (1) Għall-finijiet tar-regola 3 ta' dawn ir-regoli, meta l-Kummissarju ikun qed jistabbilixxi jekk kienx hemm attenzjoni raġonevoli fil-preparazzjoni u l-preżentata ta' prospett, huwa għandu jqis:-

(a) jekk persuna tkunx ħadet u qagħdet fuq il-parir bil-miktub ta' professjonist dwar it-taxxa; u

(b) kemm tkun komplessa t-transazzjoni li tkun irriżultat f'xi ommissjoni mill-prospett jew kemm ikunu komplessi d-disposizzjonijiet legali involuti u d-diffikultajiet li jkun hemm fl-interpretazzjoni tagħhom.

(2) Il-parir bil-miktub oriġinali, imsemmi fl-inċiż (a) tas-subregola (1) ta' dawn ir-regoli għandu jiġi ppreżentat flimkien mal-prospett sa mhux aktar tard mid-data tal-prospett ta' taxxa relattiva.

(3) Parir, imsemmi fl-inċiż (a) tas-subregola (1) ta' dawn ir-regoli, mogħti minn professjonist dwar it-taxxa, ma għandux minnu nnifsu jikkostitwixxi interpretazzjoni li torbot tad-disposizzjonijiet statutorji u opinjonijiet relattivi dwar l-applikazzjoni tagħhom kif imiss.

(4) Meta l-Kummissarju ma jilqax parir mogħti minn professjonist dwar it-taxxa, dan ma għandux tabilfors jimplika li persuna ma tkunx għamlet attenzjoni raġonevoli, kemm-il darba dak il-parir ma jkunx ikkunsidrat mill-Kummissarju bħala wieħed mhux ġenwin jew wieħed frivolu.

Tnaqqis ta' taxxa addizzjonali meta jsir żvelar volontarju. Kap. 372.

5. Meta persuna issewwi xi ommissjoni minn prospett billi tibgħat prospett ieħor li jsir skond l-artikolu 13 ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, wara li dik il-persuna tkun ġiet avżata bil-miktub mill-Kummissarju li tkun se ssir inkjesta dwar id-dikjarazzjonijiet u l-passiv tat-taxxa ta' dik il-persuna, imma mhux aktar tard minn l-aħħar jum tax-xahar li jaħbat minnufih wara dak meta jkun ġie notifikat dak l-avviż, it-taxxa addizzjonali għandha tkun bir-rata ta' wieħed punt ħamsa fil-mija (1.5%) tat-taxxa perikolata fix-xahar.

Tnaqqis tat-taxxa addizzjonali b'90% .

6. It-taxxa addizzjonali li għandha titħallas għandha titnaqqas b'disgħin fil-mija (90%) mill-ammont sħiħ meta l-ommissjoni:-

(a) tkun ta' *income* minn xi impjieg jew kariga li jkunu inklużi fi prospett li jkun intbagħat lill-Kummissarju skond id-disposizzjonijiet tar-Regoli ta' l-1998 dwar *Final Settlement System (FSS)*; jew A.L. 88 ta' l-1998.

(b) tkun ta' *income* minn investiment, kif definit fid-disposizzjonijiet dwar *income* minn investiment fl-Att, li minnu jkun suġġett għal tnaqqis ta' taxxa minn ras-il għajn, kemm jekk din it-taxxa tnaqqsitx jew le; jew

(ċ) tkun ta' qligħ mill-bejgħ ta' proprjetà immobbli li fuqu titħallas taxxa taħt l-artikolu 5 ta' l-Att, u tkun tħallset taxxa bir-rata stipulata skond l-artikolu 43 ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, u regola 6 tar-Regoli ta' l-1993 dwar Qliegħ Kapitali. L.N. 102 ta' l-1993.

Tnaqqis ta' taxxa addizzjonali b'50%.

7. Meta ommissjoni ma tkunx dovuta minħabba f'xi frodi, ħila, kapaċità jew traskuraġni kbira jew negliġenza bil-ħsieb, it-taxxa addizzjonali li għandha titħallas għal xi ommissjoni għandha titnaqqas b'ħamsin fil-mija (50%) ta' l-ammont sħiħ u ċ-ċirkostanzi li fihom it-taxxa addizzjonali għandha hekk titnaqqas għandhom ikunu jinkludu meta:-

(a) persuna tkun taf, jew għandha tkun taf, li tkun saret inkjesta dwar id-dikjarazzjonijiet u l-passiv ta' taxxa tagħha u li fuqhom it-taxxa addizzjonali dwar l-ommissjoni tkun tnaqqset skond id-disposizzjonijiet tar-regola 6 ta' dawn ir-regoli, imma terġa' tħalli barra, minn prospett li jsir wara li jkunu magħrufa r-riżultanzi ta' inkjesta, xi oġġett li l-inkjesta tkun indikat bħala li kien imissu ġie hekk inkluż; jew

(b) l-ommissjoni tkun tmur biċ-ċar kontra l-prinċipji u l-prattiċi aċċettati tal-liġi tat-taxxa jew ta' l-*accountancy*, inklużi, mingħajr ma tiġi limitata l-ġeneralità ta' dawn ir-regoli:

(i) it-talba eċċessiva ta' tnaqqis kontra *income* li fuqu titħallas it-taxxa taħt l-artikolu 4(1)(b) ta' l-Att;

(ii) it-talba għal tnaqqis ta' ħlasijiet għal manteniment meta ma jkun jeżisti ebda dritt għal tnaqqis bħal dak;

(iii) in-nuqqas li jiġu dikjarati ħlasijiet ta' manteniment li jkunu ġew riċevuti;

(iv) talbiet eċċessivi jew mhux ġustifikati għal tnaqqis kontra *income* ġej minn kera.

Applikabilità ta' tnaqqis f'taxxa addizzjonali.

8. It-tnaqqis kontemplat fir-regoli 6 u 7 għandhom ikunu japplikaw għat-taxxa addizzjonali li għandha titħallas taħt l-Iskeda, sew jekk din titnaqqas skond id-disposizzjonijiet tar-regola 5 ta' dawn ir-regoli sew jekk le.

L-oghla taxxa addizzjonali li tithallas.

9. Meta jsir tnaqqis ta' taxxa addizzjonali skond id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regoli, ir-rata ta' taxxa addizzjonali applikabbli msemmija fil-partita 5 ta' l-Iskeda għandha tkun bir-rata ta' taxxa addizzjonali hekk imnaqqsa.

Poteri li għandu l-Kummissarju.

10. Ebda ħaġa li tinsab f'dawn ir-regoli ma għandha żżomm lill-Kummissarju milli jeżerċita xi poter li hemm vestita fih biex jaħfer dik il-parti jew it-taxxa addizzjonali kollha li għandha titħallas, skond ma jidhirlu xieraq, sakemm:

(a) il-Kummissarju jista' jimponi bħala kondizzjoni għal tali ħlas lura l-ħtieġa li l-persuna involuta ma tagħmilx ommissjoni oħra f'dak il-perjodu li l-Kummissarju jista' jistabbilixxi, kif ukoll dawk il-kondizzjonijiet oħra kollha li jista' jqis xierqa;

(b) jekk xi kondizzjoni imposta mill-Kummissarju skond id-disposizzjonijiet tal-paragrafu (a) ta' dawn ir-regoli tiġi miksura mill-persuna involuta, kull tnaqqis ta' taxxa addizzjonali mogħtija mill-Kummissarju b'żjieda ma' kull tnaqqis kontemplat mid-disposizzjonijiet l-oħra ta' dawn ir-regoli għandu jiġi konfiskat;

(ċ) jekk il-konfiska tkun hekk dovuta, taħt id-disposizzjonijiet tas-subregola (b) ta' dawn ir-regoli, kull tnaqqis addizzjonali magħmul taħt id-disposizzjonijiet ta' din ir-regola, imma mhux taħt id-disposizzjonijiet tar-regoli l-oħra ta' dawn ir-regoli, għandu jitqies bħala li kien sospensjoni tal-passività għal dik it-taxxa addizzjonali, u mhux it-tħassir tat-taxxa addizzjonali rilevanti;

(d) il-Kummissarju għandu jikkomunika bil-miktub lill-persuna involuta kull kwistjoni imposta taħt is-subregola (b) ta' dawn ir-regoli, il-konsegwenzi tal-ksur ta' kull tali kondizzjoni u, jekk dan ikun il-każ, il-fatt li l-konfiska tkun saret.

11. Deċiżjonijiet meħudin mill-Kummissarju dwar l-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli għandhom ikunu bla ħsara għal oġġezzjoni u appell skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 35 u 37, rispettivament, ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, biss dwar jekk, għall-fini tar-regola 4(4) ta' dawn ir-regoli, il-parir ta' professjonist dwar it-taxxa għandux jitqies bħala wieħed mhux ġenwin jew frivolu. Appelli.